QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Joseph G.Galea Debono B.A.,LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 11 t'APRIL, 2002.

Appell Nru. 211/2001 IL-PULIZIJA.

(Spettur Nicholas Ciappara)

vs.

DAVID GATT .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali :-
talli f'dawn il-Gzejjer , fis-7 ta' Frar, 1999, u t-tlitt xhur ta' qabel dik id-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina , specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' u sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni id-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li id-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 / 1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi , forna jew ipprokura jew offra li jforni id-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta lill persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghar ma kellu licenzja mill-President ta' Malta , minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Interna tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern , skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 , ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) , kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;
Ukoll talli f' dawn il-Gzejjer , fis-7 ta' Frar, 1999, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5 (1) tal-Avviz Legali tal-1985 , kif sussegwentement emendati u 35 (b) u 89 (a) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha , Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat ;
ukoll talli sar recidiv skond l-art. 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell datata 17 ta' Gunju, 1998 ;
ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Art. 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta , b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15 ta;' Dicembru, 1998 (Awla 8)
bit-talba lill-Qorti li barra mill-piena stabilita mill-ligi, tapplika ukoll l-art. 533 (1) tal-Kodici Kriminali . Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-Avukat Generali a fol. 6 tal-process maghmula bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Art. 120 A tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta li biha ordna li l-appellat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-verbal a fol.65 tal-process li jghid testwalment u xott , xott : "Ammissjoni fuq l-ewwel, t-tielet u r-raba ' akkuza. "

Rat is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Novembru, 2001, li biha sabet illi l-akkuza numru 2 ma tissisustix u wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi u ghalhekk iddecidiet li dawn jinstabu sodisfacentement pruvati skond il-ligi , sabet lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-Regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, , izda minnflok impozizzjoni ta' piena , poggiet lill-istess imputat taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon ghal zmien tlitt snin , bl-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata Dokument PO u formanti parti intregrali tal-istess a tenur tal-art. 5 tal-Kapitolu 152, u ma sabitux hati tal-akkuza 2 u illiberatu minnha. Il-Qorti spjegat lill-imputat f'termini cari is-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment .

Rat ir-Rikors tal-Appell tal-Avukat Generali tas-27 ta' Novembru, 2001 , fejn talab li din il-Qorti tibdel, tirriforma u timmodifika is-sentenza imsemmija , billi fil-waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet htija fl-imputat skond l-ewwel , it-tielet u r-raba imputazzjoni , thassarha u tirrevokha fil-bqija,[ inkluz il-piena inflitta , li allura tigi fin-natura u l-kobor taghha , bhala wahda mhux permessa mill-ligi ] u minnflok, wara li tirrevedi l-apprezzament tal-provi , issib u tiddikjara htija wkoll tal-istess appellant fit-tieni imputazzjoni ta' traffikar , u tinfliggi l-piena karcerarja u pekunjarja skond il-ligi .

Rat li l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti , fil-qosor, filli l-ewwel Qorti ikkonkludiet li mill-provi setghu biss johorgu l-elementi tad-delitt ta' pussess hekk imsejjah semplici da parti tal-imputat u mhux ukoll dak ta'traffikar meta l-fatti kienu juru xort' ohra . Li il-kliem tal-ligi ghandu jigi interpretat li jkopri ukoll attivita' ta' min jaccetta li jzomm ghal haddiehor id-droga u jforniha lil dik l-istess persuna li tkun tathielu kif u meta mitlub minnha , aktar u aktar meta kien ovvju , bhalma kien f'dan il-kaz , illi si trattava ta'traffikar ta' droga jew ta' impriza ta' traffikar ta' droga li fiha l-imputat appellat dahal bix-xjenza kollha Ukoll meta wiehed jikseb jew jakkwista d-droga sabiex eventwalment jghaddiha lil haddiehor , ghalkemm l-att tal-ipprokurar jista' ma jaqax fid-definizzjoni ta' traffikar skond l-artikolu 22 (1B) tal-Kapitolu 101, att ta' pussess ikun soggett ghall-istess piena tat-traffikar galadarba dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur .

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 2002 li biha , bil-kunsens tad-difiza, ipprezenta fedina penali aggornata tal-imputat appellat kif ukoll nota ohra tal-istess Avukat Generali li biha esebixxa kopja ta' sentenza fil-kawza kontra Ryan Galea tal-25 ta' Novembru, 1999 moghtija minn dil-Qorti diversament preseduta.

Semghet ix-xhieda ta' Marietta Lanzon il-Probation Officer inkarikata mill-imputat appellat ;
Rat il-verbal tal-lum stess fejn il-prosekuzzjoni u d-difiza identifikaw li fil-fatt hemm tlitt akkuzi u zewg addebiti kontra l-appellat u mhux erba akkuzi;
Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u difensur ,

Ikkunsidrat ;

Illi il-fatti li taw lok ghall- kaz kienu is-segwenti . Fis-7 ta' Frar, 1999 , il-Pulizija imexxija mill-Ispettur Piu Pisani kienu waqqfu zewg zaghzagh go van Pick up Toyota numru DBB-437 fil-limiti tal-Gnejna , Mgarr u go dal -van kien hemm l-appellat u certu Richard Cilia. Waqt tfittxija li saret fil-vettura instabu

xi siringi mhux uzati ossia maghluqin , siringa uzata ossia miftuha u qartas kontenenti d-droga eroina kif ukol somma flus ammontanti ghall LM515. L-appellat u Cilia ittiehdu id-Depot fejn tkompliet l-investigazzjoni mill-Ispettur Nicholas Ciappara li baghat Pulizija biex jaghmlu tfittxija fid-dar ta' residenza tal-appellat . F' din it-tfittxija instab "electronic scales" tal-marka Ercolan" . Kienu instabu go pouch tal-appellat diversi bicciet ta' karti , b' xi ismijiet u hdejhom kien hemm xi ammonti ta' flus. Instabet ukoll mgharfa b' xi tracci fuqha fil-kamra tas-sodda tal-appellat . Instabet ukoll bicca foil fuq il-persuna tal-appellat .

Illi l-appellat ghamel stqarrija mall-istess Spettur Ciappara (Dok. NC3) , fejn "inter alia" qal u rrisponda ghad-domandi li sarulu :-

D. "Il-Qartas x'kien fih?"
R. "Eroina".
D. "Dan xtrajtu inti, jew xtrajtu flimkien ma Richard Cilia" ?
R. "Xtrajtu flimkien ma Richard , hrigna LM5 kull wiehed."

u aktar ' l isfel :-

D. Nghid sew li inti u Richard Cilia gieli qsamtu id-droga , u cioe' gieli xtrajt id-droga int u qsamtha mieghu u gieli xtraha hu u qasamha mieghek ?"
R. "Iva."
D. "Dan sar matul dawn l-ahhar xaharejn?"
R. "Iva."

u aktar ' isfel :-

D. "Barra li gieli qsamt id-droga eroina ma Richard Cilia , gieli qsamtha ma haddiehor?"
R. "Le , jew mieghu jew wahdi."
D. "int qatt bieghet id-droga lill xi hadd?"
R. "Le."

Illi minn din l-istqarrija , jirrizulta ampjament l-element tal-pusess u dan mhux kontestat mid-difiza tal-appellat anzi hemm ammissjoni fuq din l-imputazzjoni . Il-kontestazzjoni hija jekk minn din l-istqarrija tirrizultax ukoll it-tieni imputazzjoni , cioe' dik li "forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina" ovvjament b'riferenza ghall-siehbu Richard Cilia , ghax dwar ipprokurar jew fornir lil terzi hemm ic-cahda kategorika tal-appellat u, fl-assenza ta' xi prova ohra konkreta , din il-Qorti ma tistax tassumi li l-appellant kien qed iforni jew jipprokura lill-haddiehor barra minn lil Cilia.

Illi kollox ghalhekk f'dan il-kaz jirrizolvi ruhu dwar l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-kliem tal-akkuzat appellat f'din l-istqarrija u l-kliem tal-ligi "in subiecta materia" .

Illi il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell taghha , ghamlet riferenza ghal zewg sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta . Fl-ewwel wahda u cioe' : "Pulizija vs. Josette Grech" (per De Gaetano J. 9.7.1996) si trattava ta' kaz fejn l-akkuzata kienet ipprokurat droga ghall-zewgha , ghalkemm ma lahqitx ikkonsenjathielu ghax giet intercettata mill-awtoritajiet tal-habs . Il-Qorti tal-Appell irravizat ir-reat in dizamina ta' ipprokurar u f'' dik is-sentenza intqal li :-

"L-ipotesijiet prospettati fit-tieni imputazzjoni ....jinkludu li wiehed "iforni" , "jipprokura", "joffri li jforni" jew "joffri li jipprokura". (lil persuna jew persuni jew ghal xi persuna jew persuni) . Imkien f'din l-imputazzjoni ma tissemma jew tintuza l-kelma "traffikar"

u

> "Il-Qorti tosserva li il-Ligi taghna , ghalkemm taghti definizzjoni ta' traffikar (Art. 22 (1B) , ma taghtix definizzjoni tal-kelma "tipprokura" ("procure" fit-test Ingliz ). Galadarba , r-regola 4 tar-Regoli taghna jidher li giet modellata fuq regolamenti Inglizi allura ezistenti , (ara per ezempju r-regolamenti citati u ikkunsidrati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Ingliza : R. v. Yasukichi Miyaqawa [1924] 1 K.B. 614) wiehed ghandu jibda billi jhares lejn is-sinifikat

> ordinarju tal-kelma "procure" . Il-Collins English Dictionary jiddefenixxi il-verb "procure" bhala "to obtain or acquire; secure ". Meta wiehed jikseb jew jakkwista d-droga eroina ,sabiex eventwalment jghaddiha lil haddiehor , ghalkemm l-att ta' "ipprokurar" jista' ma jaqax fid-definizzjoni ta' traffikar skond l-Art. 22 (1B) tal-Kap.101 , l-att ta' pussess ikun suggett ghall-istess piena ta' traffikar galadarba dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur."

It-tieni sentenza citata mill-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell taghha hija dik moghtija fil-kawza " Il-Pulizija vs. Mohammed Trabelsi" fejn l-appellant kien zamm id-droga ghall-persuna ohra ghal ftit taz-zmien , umbaghad tahielu jew ftit minnha lura u fejn l-appellant kien instab hati ta' akkuza simili ghat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellat odjern. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Agius J. 26.4.1993) meta cahdet l-appell kienet qalet testwalment hekk:-

> "Il-pozizzjoni tal-ewwel akkuza hija wahda semplici u cioe' ikun hati tar-reat hemm dedott min jiffornixxi jew joffri li jiffornixxi jew jipprokura jew joffri li jipprokura id-droga eroina lil persuna jew persuni jew ghal xi persuna jew persuni minghajr ma jkollu licenzja ad hoc kif tirrikjedi il-ligi . Din il-Qorti taghmel emfasi fuq il-kliem lil persuna /i jew ghal xi persuna/i li jissemmew fl-akkuza u minnhom ghandu johrog car illi l-gamma ta' attivita' li il-legislatur jipprova jilhaq bid-dispozizzjoni relattiva , hija wahda vasta u tkopri ukoll l-agir tal-appellant illi , ex adnissis , accetta li jzomm ghal haddiehor id-droga eroina u li jfornieha kif u meta mitlub ghal persuna jew persuni jew lil persuna jew persuni ."

Illi pero' id-Difiza tal-appellat ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din il-Qorti u cioe' dik moghtija fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Ryan Galea " (per. Vella J. 25.11.99) fejn gie ritenut li tfajla u guvni li jkunu akkwistaw flimkien ma kienux hatja li bieghu jew ittraffikaw fid-droga bi ksur tal-Art. 8 (b) tal-Kap.101. F'dik is-sentenza il-Qorti, meta laqghet l-appell u illiberat mill-akkuza ta' traffikar ,qalet :-

> "Illi meta huma marru bil-karozza misjuqa mill-appellant u waqfu sabiex jixtru din id-droga , dak li bieghhielhom id-droga mar hdejn is-sewwieq , u veru , fil-fatt , id-droga fizikament ghaddiet l-ewwel f'idejn l-appellant . Hu hallas bi flus li kienet taghtu l-gharusa tieghu , u meta ha d-droga , hu ghaddhiela parti minnha , stante li dik id-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma."
>
> "Illi fil-fehma ta' din il-Qorti , dawn il-fatti ma jwasslux sal-estremi tat-traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant . Mhux kaz ta' "sharing" tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga , kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta minnha lil terzi . Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga , izda semplicement ta' pussess illegali taghha."

Illi din il-Qorti pero' tosserva li fl-ahhar sentenza , il-Qorti kienet qed tara l-elementi kostituttivi tar-reat ta' biegh jew xort' ohra traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis kontemplat fl-art. 8 (b) tal-Kap.101 u mhux dawk tar-reat dedott kontra l-appellat fit-tieni imputazzjoni u cioe' dak kontemplat fir-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) . Fit-tieni lok qari attent tal-bran tas-sentenza fuq citat juri bic-car li dik il-Qorti kienet arginat l-interpretazzjoni taghha u iddistingwiet bejn kaz bhal dak li rrizulta f'dak l-appell u kaz fejn persuna ikollha id-droga hi biss , tkun xtratha jew ottjenietha hi biss u umbaghad tati minnha lil terzi . Fil-waqt li fis-sentenza citata irrizulta li kien wiehed fejn guvni u tfajla kienu xtraw u akkwistaw flimkien kontestwalment u ippartecipaw it-tnejn fl-akkwist , billi wiehed saq ghal fuq il-post tal-akkwist mal-ohra u hallas bil-flus taghha li kienet mieghu , dik il-Qorti iddistingwiet dak il-kaz minn kaz fejn l-akkwist ma jsirx flimkien .

Issa fil-kaz in dizamina , l-statement tal-appellat fih tlitt ipotesijiet li jridu jigu konsidrati separatament . Hemm ic-cahda kategorika tal-appellat li hu qatt qasam id-droga eroina ma haddiehor barra ma Richard Cilia u din ic-cahda mhux kontradetta bi provi u ghalhekk trid tigi accettata minn din il-Qorti .

Hemm umbaghad id-dikjarazzjoni rigwardanti il-qartas li instab fuq l-appellat fil-Gnejna u dan l-appellat jghid li "Xtrajtu flimkien ma Richard , hrigna LM5 kull wiehed" u hemm finalment il-parti l-ohra tal-istqarrija li tghid ghad-domanda :-

D. "Nghid sew li int u Richard Cilia gieli qsamtu id-droga flimkien , u cioe' gieli xtrajt id-droga int

u qsamtha mieghu , u gieli xtrahha hu u qasamha mieghek ?"

R. "IVA." (emfasi tal-Qorti)

D. "Dan sar matul dawn l-ahhar xaharejn ?"

R. "IVA." (emfasi tal-Qorti)

Illi min din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-appellat johrog car li, anki jekk riferibbilment ghall-qartas li instab fuq l-appellat fis-7 ta' Frar, 1999, seta' kien hemm il-figura tal-"joint acquisition" li skond l-ahhar sentenza citata ma tikkontjenix l-elementi ta' biegh jew traffikar ta' raza tal-cannabis u - b'analogija imgebbda favur l-appellat - anki il-figura ta' ipprokurar jew offerta ta' forniment tad-droga eroina li tahtha kien akkuzat l-appellat quddiem l-ewwel Qorti , jirrizulta "ex admissis" u minghajr ekwivoci li fix-xaharejn ta' qabel is-7 ta' Frar, 1999 , kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellat kien xtara id-droga eroina wahdu u umbaghad qasamha ma Richard Cilia.

Illi dan il-fatt ammess mill-appellat fl-istqarrija tieghu , jikkostitwixxi ir-reat kontemplat taht it-tieni imputazzjoni u ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jidher fondat u qed jigi milqugh.

Ikkunsidrat ,

Illi dwar il-piena l-Qorti qieset il-kondotta tal-appellat li mhux wahda felici jew inkoraggjanti almenu s'issa u it-talba tal-Prosekutur li ghall-inqas ghandu jkun hemm minimu ta' piena karcerarja ta' sitt xhur habs oltre kull provvediment ta' "probation" suggerit mill-Proation Officer u mhux periodu ta' "probation" biss . Qieset ukoll dak li irrakkomandat l-istess Probation Officer li hu fl-interess tal-appellat, li diga qieghed iservi u jiskonta sentenzi ta' habs fuq reati ohra, li jibqa' f'ambjent kontrollat u il boghod mid-droga kemm jista' jkun, biex umbaghad ikun jista' jikkwalifika ghall-programm u jiehu it-treatment li ghandu bzonn . Ikkunsidrat li miz-zewg sentenzi imsemmija mid-difensur tal-appellat fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell, s'issa inghatat wahda biss ta' tnax il-xahar prigunerija nieqes l-arrest preventiv u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (peseduta mill-Magistrat Dr. Noel Cuschiei) fil-25 ta' Marzu, 2002 u li il-kawza l-ohra baqghet mhux deciza sal-lum u fil-fatt lanqas biss tinsab differita ghas-sentenza ; u ghalhekk it-terminu ta' habs mitlub mill-Prosekuzzjoni mhux ser ikun ta' dannu ghall-iskop tal-programm li l-appellat jista' jiehu parti fih .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed takkolji l-appell tal-Avukat Generali u qed tirriforma is-sentenza appellatta billi fil-waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet htija tal-appellat skond l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u r-raba u l-hames addebiti, tirrevokha fil-bqija fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni u fil-piena inflitta u minnflok issib lill-appellat hati ukoll tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu u cioe' dik li f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Frar , 1999 , u it-tlitt xhur ta' qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew ghall-uzu ta' persuna ohra u cioe' Richard Cilia minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta , minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga , u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern , skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni id-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, b' dana li f'din l-imputazzjoni jigu assorbiti l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet li ovvjament servew bhal mezz ghall-fini biex ikun jista' jigi kommess dar-reat , u

b'dana li l-appelat sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Gunju, 1998 , u b'dana ukoll li kiser il-kondizzjonijiet tal-Art., 5 tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Awla 8) tal-15 ta' Dicembru, 1998 ;

u wara li rat ir-Regolamenti 4 ,u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) ; L-Art 9, 22, 32 u 33 u l-ewwel Taqsima tal-ewwel Skeda tal-Kap.101 tal-ligijiet ta' Malta ;ir-Regolament 5, (1) tal-Avviz Legali 23 tal-1985 u l-art. 40A , 89 (a) u 120 A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsamu maghha , Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta , u l-Art. 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat ; l-art. 17 , 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , ghal dak li jirrigwarda l-assorbiment u r-recidiva , kif ukoll l-art. 5 u 10 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dak li jirrigwarda il-kommissjoni ta'reat tul iz-zmien ta' periodu ta' "probation" u l-art. 533 (1) tal-Kodici Kriminali ;

tikkundanna lill-appellat ghall prigunerija ghal zmien sitt (6) xhur li minnhom ghandu jonqos kull periodu li fih l-appellat kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma dal-kaz , u multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u inoltre tordnalu ihallas l-ispejjez tal-perizja (Dok. MM a fol.43 tal-process) fl-ammont ta' seba' u erbghin lira Maltin (LM47);

u oltre dan , qed tpoggi lill-istess appellat taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Marietta Lanzon ghal zmien tlitt snin bl-obbligu li l-istess appellat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju u markat dokument PO 1 u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ;

u tibghat lill-istess appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Awla 8) ,bhala l-Qorti li minnha gie maghmul l-ordni tal-probation bis-sentenza tal-15 ta' Dicembru, 1998 , biex dik il-Qorti iggieghel lill-appellat li jidher jew jingieb quddiemha biex isir dak li ghandu jsir skond l-art. 10 (1) (b) tal-Kap.152.

Finalment tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita (Dok. X4 esebita fil-pouch Dok NC 2) a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud fil-prezenza tad-Deputat Registratur tal-Qorti, li ghandu jirredigi process verbal dwar il-process tad-distruzzjoni u inoltre tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti (Dok. X 1 , X2, X3,X5 , X6 , X7, X8 u X9 ukoll esebiti fil-pouch Dok. NC 2) u l-electronic scales tal-marka Ercolan u kull oggett iehor li jinsab fid-dokument NC1 u NC2 , billi dawn jidhru li huma kollha oggetti relatati mad-droga.

.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur

**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali**

**Imhallef Onor. Dr. Joseph Galea Debono B.A., LL.D.**

**Illum 11 ta' April, 2002**

# ORDNI TA' PROBATION

Il-Qorti:

Billi DAVID GATT ta' 25 sena bin Alfred u Rita nee' Azzopardi mwieled l-Imtarfa fil-fis-17 ta' Frar,1977u joqghod Facilita' Korrettiva ta' Kordin I.D. Card Number 153677(M), gie misjub hati bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti llum 11 ta' April, 2002, permezz ta' sentenza fl-ismijiet il-Pulizija Spettur Nicholas Ciappara vs David Gatt (App. Nru. 211/2001).

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din il-Probation Order.

Li wara li fissret bi kliem car l-effett ta' din l-ordni lill-probationer inkluz l-htigijiet mizjuda skond is-sub artikolu (2) tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta w nnutat li l-istess probationer wera li jrid ihares il-htigijiet ta' l-istess ordni;

Tordna lill-probationer ikun taht is-sorveljanza ta' l-ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin, bis-segwenti htigijiet:

1. Li matul il-perjodu indikat il-probationer igib ruhu tajjeb u kif xieraq;
2. Illi matul il-perjodu fuq indikat il-probationer ghandu joqghod ghal dawk id-direttivi moghtija lilu mill-ufficjal tal-probation hawn taht indikat;
3. Illi matul il-perjodu kollu tal-probation, il-probationer irid jirrisjedi fil-fond hawn fuq indikat u kemm il-darba huwa jibdel ir-residenza tieghu ghandu preventivament javza lill-
   Probation Officer;
4. Illi l-probationer ghandu ghaz-zmien hawn fuq indikat, jobdi dawk id-direttivi kollha lill-
   probation officer jidhirlu li huma xierqa in partikolari biex jigi evitat ripetizzjoni minn nahha ta' l-akkuzat in konnessjoni ma' l-akkuzi tieghu;
5. Ma jikkommettix ebda reat iehor fi zmien operattiv ta' din l-ordni.
6. Japplika ghall-programm ta' terapija kontrollata biex jaqta' mill-vizzju tad-droga u jtemm tali programm sal-ahhar tad-durata tieghu.

Tordna li kopja ta' din il-Probation tigi konsenjata lill-Probation Officer Marietta Lanzon, li ghandha kull sitt (6) xhur tipprezenta rapport fir-Registru ta' din il-Qorti dwar il-progress tal-Probationer u tirrapporta minnufih lill din il-qorti kull nuqqas jew nuqqas ta' osservanza ta' xi wahda mill-kondizzjonijiet hawn fuq imposti fuq l-istess probationer.

Joseph G Galea Debono

Imhallef

11-4-2002.